**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta (6)**

**30 t'Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Agius- Viċu Sindku**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppersieda l-laqgħa.

**6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

6.1 Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Viċi Sindku Aaron Agius li kien jinsab ma jiflaħx. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Viċi Sindku jiġi skużat mil-laqgħa.

Is-Sindku ppropona li jkun hemm **bdil** fl-**ordni** tal-**aġenda** biex *item* Nru 6.4 tal- Agenda tiġi diskussa qabel 6.2. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan.

**6.4 Triq Marġa**

6.4.1 Is-Sindku stieden lill-Perit Edward Scerri, lis-*surveyor* Loiu Portelli u lis-Sa Margaret Said minn Said Construction jidħlu fil-kamra tal-laqgħa. Il-Perit spjega x-xogħol li kien sar fuq Triq Marġa u għalfejn kien hemm varjazzjoni fuq it-*tender* ta' Triq Il-Marġa. Il-Perit spjega li x-xogħol fuq din it-triq kien bżonnjuż minħabba l-periklu li tisfronda t-triq. Il-Perit spjega li kienu tpoġġew *barriers* tal-plastik biex jiġu evitati partijiet perikolużi. Safrattant kienet saret pjanta u stima biex tinbena t-triq li kienet tlaħħaq €2,000,000. Il-Kunsill kien irnexxielu jakkwista ferm inqas fondi mill-Ministeru t'Għawdex u DLG li bihom setgħet isir biss tiswija fuq 3 partijiet tat-triq li l-aktar kellhom bżonn. Il-Kunsill għaldaqstant kien mexxa b'sejħa għall-offerti biex isir xogħol fuq il-partijiet li fihom kien hemm problema b'sodda tal-konkos irrifunzat biex inaqqas mir-riskju li jekk jaqa' l-ħajt tat-triq ma ċċedix it-triq. It-*tender* kienet ntrebħet minn Said Construction bil-prezz ta' €85,798.98. Il-perit spjega li t-tender kien inqabeż b'madwar €30,000 minħabba li saru żewġ xbieki minflok waħda hekk kif kien pjanat oriġinarjament u kif kien hemm stipulat fit-tender biex is-sodda tat-triq tkun aktar b'saħħitha. Il-Perit kien issuġġerrixxa li jsir żewġ xbieki anke peress li tender kien intrebaħ ferm inqas. Il-Perit spjega li dan kien sar wara li kien tkellem mas-Sindku preċedenti u dan approva li dan isir.

6.4.2 Is-segretarju spjegat li f'każ ta' varjazzjoni din dejjem għandha titla' Kunsill fejn varjazzjoni sa 10% tiġi approvata mill-Kunsill waqt li varjazzjoni ta' aktar minn 10% tintalab l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali wara li tkun ġiet approvata f'laqgħa tal-Kunsill. Is-segretarju spjegat li wieħed għandu jżomm f'moħħu li din il-varjazzjoni kienet fi żmien fejn kien hemm ħafna tranżazzjonijiet b'riżenji ta' Sindku u Segretarju Eżekuttiv.. Is-segretarju spjegat li kienet talbet gwida

mid-dipartiment fejn kienet ġiet infurmata li talbiet retroattivi ma jistgħux jinġiebu għall-attenzjoni tal-Ministru u għalhekk il-Kunsill kellu jiddiskuttu u japprova il-ħlas. Id-Direttur Ġenerali rrimarka ukoll li f'dan il-każ x-xogħol kien sar tajjeb u ġie ċċertifikat.

6.4.3 Il-membri preżenti unanimament qablu li din il-varjazzjoni għandha titħallas lill-kuntrattur.

6.4.4 Is-segretarju rreferriet għall-kontijiet mill-kuntrattur relatati max-xogħlijiet min-naħa tal-WSC li għalihom il-Kunsill kien iffirma l-LA. Is-segretarju spjegat li dawn il-flus kienu għaddew fil-bank tal-Kunsill imma huma flus dovuti lill-kuntrattur. Il-Kunsill unanimament qabel li l-pagament dovut lill-kuntrattur kellu jgħaddi minnufih.

6.4.5 Il-Kunsillier Dr Zammit ħa l-opportunita' li rringrazzja lill-Perit Scerri għax-xogħol tiegħu fuq Triq Marġa fejn spjega li kienet biċċa xogħol iebsa meta wieħed iqis il-limitazzjoni ta' fondi.

### 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 5

6.2.1 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa u għaldaqstant meħuda bħala moqrija. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat kienet qed tipproponi li 5.8.2 tiġi emendata biex taqra kif imniżżel hawnt taħt:

> *Is-Sindku ppropona li d-day centre l-Erbgħa jsir fil-Każin tal-Banda anke peress li l-attendenza hi waħda numeruża u l-Ġimgħa jsir iċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Is-Sindku ppropona li s-Sa Marlene Bartolo kellha tibda tassisti waqt id-day centre ta' ġurnata minnhom. Is-Segretarju qalet li b'rispett ghat-tletin sena servizz li kienet ilha taghti Lina Sultana lill-Kunsill, ghandha tigi mitluba liema gurnata tixtieq li tkun responsabbli ghaliha.Is-Sindku ppropona li jiftehmu bejniethom u l-membri tal-Kunsill preżenti qablu mingħajr rimarki.*

Is-Sindku ma kienx qed jaqbel ma din il-proposta u kien qed jissuġġerriexxi li l-emenda fil-minuti għandha tkun:

> *Is-Segretarju qalet li b'rispett ghat-tletin sena servizz li kienet ilha taghti Lina Sultana lill-Kunsill, ghandha tigi mitluba liema gurnata tixtieq li tkun responsabbli ghaliha.*

Il-Kunsill għadda għall-vot fejn is-Sindku, il-Kunsilliera Marion Portelli u Dr Christian Zammit qablu mal-emenda tas-Sindku. Il-Kunsilliera Dr Francienne

Muscat u l-Kunsilliera Leanne Micallef ivvutaw kontra waqt li l-Kunsillier Dr Kevin Cutajar astjena peress li kien indispost fl-aħħar laqgħa.

### 6.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

6.3.1 Is-Sindku rreferra għall-Autumn Fest fejn spjega d-diffikulta' biex jinstabu blalen tat-tiben biex tiżżejjen Triq Mannar għal dan l-avveniment.

6.3.1 Is-Sindku rreferra għall-*culvert* mitlub mis-Sur Refalo li kellu problema bl-ilmijiet fi Triq Il-Knisja. Il-Perit kien spjega li wieħed irid jara li ma jsolvix il-problema billi jitfa' l-problema fuq terzi u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jrid isir *culvert* minn fejn is-*supermarket* fi Triq Il-Knisja li jwassal sa fejn il-grada li kien għamel il-Kunsill fil-passat. L-ilma jkun jista' jgħaddi mill-mina li hemm u joħroġ mill-kantuniera bl-inqas saħħa. Il-Kusilliera Dr Francienne Muscat staqsiet jekk is-Sur Refalo kienx ġie kkonsultat. Is-Sindku spjega li kienu marru fuq is-sit hu flimkien mal-Perit u s-Sur Refalo fejn dan tal-aħħar jidher kuntent bil-proposta.

6.3.2 Is-Sindku rreferra għat-*traffic management* ta' Triq Marsalforn u Ġnien Xibla fejn il-Perit Scerri spjega li hemm bżonn li jsir *digital survey* li jimmarka tajjeb il-bibien tal-garaxxijiet. Dan it-tip ta' *survey* hu rikjest biex ikun jista' jsir pjan tajjeb. L-istima ta' din id-*digital survey* tammonta għal €2600 mingħajr VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi biex isir dan is-survey.

6.3.3 B'referenza għal Christmas Market, s-Sindku spjega li beda jiltaaqa' mal-għaqdiet fuq dan l-avveniment. Is-Sindku spjega li kienet ġiet ikkonfermata l-*band* The Joygivers għas-Sibt 14 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera Marion Portelli rreferriet għalll-korrispondenza li rċieva mis-Sa Sciortino u Sa Cupic biex jipparteċipaw b'żeffiena u kantanti tagħhom. Is-Sindku spjega li kien diġa' kkonferma l-parteċipazzjoni tas-Sa Portelli Said fil-Christmas Market. Is-Sindku kien qed jissuġġerriexxa li tingħata l-opportunita' lit-tfal Xagħrin biex jipparteċipaw waqt il-Christmas Market. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu

6.3.4 Is-Sindku wera x-xewqa li għal San Valentinu jiġi mżejjen il-playingfield tax-Xagħra bil-qlub, jintefa' d-dawl tal-*playingfield* u jinxtegħel bix-xemgħat u jkun hemm *soft music.* Is-Sindku wera x-xewqa li jitqassmu ward ħomor għall-okkażjoni. Is-segretarju spjegat li l-proposta trid tkun waħda innovattiva u tilħaq il-kriterji biex tiġi kkunsidrata u tkun eleġibli. Il-Kunsill qabel li japplika għal €7,000.

6.3.5 B'referenza għall-kontijiet relatati ma' xogħolijiet rikjesti mill-WSC fuq Triq Marsalforn li għalihom kien hemm LA ffirmata, is-Sindku spjega li kien hemm

kont ta madwar €416,026.25. Dawn il-flus kien għaddew lill-Kunsill min-naħa tal-WSC u għaldaqstant kellhom jgħaddu lill-kuntrattur. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-flus kellhom jitħallsu lill-kuntrattur.

### 6.5 Monument tal-Assedju l-Kbir

6.5.1 Is-Sindku rreferra għal dak propost mis-Sur Victor Theuma u mis-Sur Michael Portelli, iż-żewġ rappreżentanti mill-Għaqda Xagħra Reenactment, li kienu ltaqgħu mal-membri tal-Kunsill qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill. Is-sinjuri kienu qed jipproponu post ġdid fil-pjazza għall-monument tal-Assedju Kbir. Is-Sindku kien spjega li kien talab li din l-għaqda kellha tippreżenta l-abbozz tal-monument, stima kif ukoll il-pjanta li tindika il-post fejn qed jipproponu li jiġi dan il-monument biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti aktar dan il-proġett li Kunsilli preċedenti kienu diġa' kkomettew ruħhom li jikkolaborraw fih.

### 6.6 Ċentru Ċiviku

6.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-istima mħejjija mill-Perit Leonard Spiteri lill-Kunsill. L-istima kienet tilħaq €165,533.29. Is-Sindku spjega li din l-ispiża kienet bżonnjuża għall-fatt li xħin saru t-testijiet fuq il-blat irriżulta li l-blat mhux sod u għaldaqstant kien hemm bżonn ta' struttura li tkun b'saħħitha biex tiflaħ il-binja. Is-Sindku spjega li kien għaddej b'kuntatti mal-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar biex jgħaddi fondi biex tagħmel tajjeb għal din l-ispiża. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li t-talba għal varjazzjoni kellha tgħaddi minnufih għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

6.6.2 Il-Kunsilliera Marion Portelli staqsiet rigward meta kien se jibda x-xogħol taċ-Ċentru Ċiviku hekk kif ir-residenti kontinwament isaqsu meta ser jibda x-xogħol. Is-Sindku spjega li qed jagħmel minn kollox biex jara li dan il-proġett li kien ilu wieqaf xhur jkun jista' jissokta.

6.6.3 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar talab spegazzjoni fuq x'kien instab eżatt waqt it-tħaffir. Is-Sindku rrisponda m'għandu l-ebda informazzjoni fuq dan waqt li l-Kunsillier Dr Zammit spjega li hu ma kienx involut fil-Kunsill meta kien għaddej it-tħaffir.

## 6.7 Bord tal-evalwazzjoni għall-Kwotazzjoni Tiżjin tal-Milied

6.7.1 Is-Sindku ppropona li fuq il-bord tal-evalwazzjoni għall-kwotazzjoni tat-tiżjin tal-Milied kellhom joqogħdu s-Sur Ivan Attard bħala *Chairperson* u s-Sur Anthony Zammit u l-Perit Johan Camilleri bħala evalwaturi.

6.7.2 Il-Kunsillier Dr Cutajar irrimarka li l-evalwaturi għandhom jkollhom idea tat-teknika u artistika f'dan il-każ.

6.7.3 Il-membri tal-Kunsill approvaw il-membri tal-bord magħżula.

## 6.8 Kanċellazzjoni tat-Tender TXLC/04/2023 Resurfacing of Triq Mannar/Għejun Junction with Hot rolled Asphalt and resurfacing of small stretch of Triq Karkar, Xagħra (up to base course only) in a resource efficient manner.

6.8.1 Is-Sindku spjega li dan it-tender kien ħareġ f'Marzu 2023 u kien jikkonsisti f'żewġ lottijiet. Is-Sinku spjega li *resurfacing* fuq Triq Mannar u Triq L-Għejun kien ser isir mill-Enemalta u l-WSC wara li ser isiru xogħlijiet ta' *cables* biex tissaħħaħ is-sistema tad-dawl fix-Xagħra u xogħlijiet oħra mill-WSC  Is-Sindku spjega li dawn ix-xogħolijiet kienu imminenti li jibdew minn dawn iż-żewġ entitajiet waqt li stqarr li kien aċċetta li jsiru dawn ix-xogħlijiet bil-kundizzjoni li wara li jsiru x-xogħlijiet isir *resurfacing*.

Mill-banda l-oħra s-Sindku rrimarka li Triq Karkar ma tirrikjedix biss *resurfacing* kif kien inkluż fit-tender imma hemm bżonn li jgħaddu s-servizzi qabel ma ssir it-triq.  Għaldaqstant is-Sindku kien qed jipproponi li dan it-tender minħabba l-fatturi msemmija u anke minħabba li t-terminu taż-żmien fejn kellu jiġi aġġudikat it-tender kien ilu ħafna li skada jiġi kkanċellat. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu ma' dan.

## 6.9 Approvazzjoni Rapport ta' kull kwart- L-ewwel u t-tieni kwart tas-sena.

6.9.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport għall-ewwel kwart tas-sena hekk kif ir-rapport tat-tieni kwart kien għadu mhux konkluż.  Dan ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti wara li ġie spjegat mis-Segretarju u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6.9.2 Is-Segretarju ssuġġerriet li l-Kunsill kellu jara x'proġetti għandu f'moħħu, jinħadem pjan ta' ħidma għal 5snin u jsir budget għas-sena 2025.

## 6.10 Day Centre

6.10.1 Il-Kunsilliera Leanne Micallef irrimarkat li s-Sa Lina Sultana kienet tiġi z-zija tar-rispett u għaldaqstant staqsiet jekk għandiex tiddikjara kunflitt ta' interess. Il-Kunsill irreferra għall-Att Dwar Il-Kunsilli Lokali fejn iz-zija tar-rispett mhix imniżżla fil-lista u għaldaqstant ma kienx hemm bżonn li l l-Kunsilliera Micallef tħalli l-kamra tal-Kunsill waqt li tiġi diskussa din il-materja.

6.10.2 Is-Sindku spjega li wara l-imejls mibgħuta mill-Kunsilliera Dr Francienne Muscat, hu stess kien informa lis-Sa Marlene Bartolo biex ma tibdix tgħin fid-day centre qabel ma jkollha istruzzjonijiet oħra. Is-Sindku rrimarka l-fatt li fl-aħħar laqgħa ħadd mill-membri tal-Kunsill ma kien oġġezzjona u infatti kien hemm qbil unanimu li s-Sa Bartolo kellha tibda tagħti servizz u tassisti fid-day centre tal-Ġimgħa.

Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat rrimarkat li tħoss li kif ħarġet sejħa għall-interess fil-każ tal-*instructor* għas-sessjoni tal-*keep fit* hekk kellu jsif fil-każ ta' persuna li tassisti waqt id-*daycentre* Is-Sindku spjega li filkas tal-klassijiet tal-*fitness*, hemm ħlas mill-persuni li jattendu għall-klassijiet waqt li għad-*daycentre* l-anzjani mhux ser ikunu qed iħallsu. Mill-banda l-oħra s-Sindku spjega li kienu nġabru l-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz u spjega li m'għandu l-ebda problema li toħroġ sejħa pubblika għall-persuna li tassisti waqt id-*daycentre* sakemm is-sejħa toħroġ kemm għas-servizz għall-għajnuna fid-*daycentre* kemm l-Erbgħa u anke l-Ġimgħa peress li s-Sa Sultana kellha l-kuntratt tagħha skadut u hu ma setax jirrispondi għal żball li kien għamel ħaddieħor meta naqas milli jiġġedded l-kuntratt. Il-Kunsillier Dr Cutajar irrimarka li jħoss li r-raġunament tas-Sindku li toħroġ sejħa għall-espressjoni ta' interess għas-servizz kemm Erbgħa u l-Ġimgħa ma tagħmilx sens għax is-sejħa għall-interess għandha toħroġ għas-servizz tal-Ġimgħa biss.

6.10.3 Il-membri tal-Kunsill wara li ddiskuttew fit-tul qablu li l-Kunsill kellu jipproċedi hekk kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti bis-Sa Lina Sultana tassisti nhar ta' Erbgħa waqt id-*daycentre* s-Sa Marlene Bonnici tassisti waqt id-*daycentre* tal-Gimgħa wara li nġiebet għall-attenzjoni l-ammonti żgħar ta' spiża nvoluta.

## 6.11 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.11.1 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat spjegat li hi flimkien mal-Kunsilliera Leanne Micallef kellhom laqgħa mas-surmast tal-iskola primarja fejn kienu ddiskutew miegħu l-attivita' li kellhom f'moħħhom biex il-Kunsill seta' jtella' attivita' b'rabta mal-European Waste Reduction Week. Il-Kunsilliera Dr Muscat

spjegat li mill-iskola kienu ħerqana li tiġi organizzata *clean up* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra l-Ġimgħa 29 ta' Novembru fejn kienu se jipparteċipaw Year 4, Year 5 u Year 6. Bi preparazzjoni għall-European Reduction Week l-istudenti kien se jkollhom sessjonijiet fuq it-3Rs- *Reduce, Reuse & Recycle* waqt il-lezzjonijiet tal-Arti. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li għandha ssir din l-inizjattiva. Il-Kunsill kellu jipprovdi trasport lejn ir-Ramla l-Ħamra u lura lejn l-iskola, ingwanti u anke boroż waqt li jara li jinġiebu l-permessi mill-ERA. Is-Sindku saħħaħ fuq l-importanza li jkun hemm *consent forms* u GDPR iffirmati mill-ġenituri tal-istudenti li jkunu se jipparteċipaw.

6.11.2 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat issuġġeriet li ssir sessjoni tat-tisjir u tiżjin ta' ħelu mill-kok Peter Decoutrous li offra li jagħmel din is-sessjoni b'xejn is-Sibt 30 ta' Novembru fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li għanda titella' din l-attivita'.

6.11.3 Il-Kunsillier Dr Francienne Muscat talbet li l-lista ta' xogħlijiet li ġew diskussi f'laqgħat preċedenti jgħaddu lil perit responsabli fosthom it-*traffic management* ta' Triq Brieret. Il-Kunsilliera Marion Portelli rreferriet għat-talba ta' *zebra crossing* fi Vjal It-8 ta' Settembru. Il-Kunsill kellu jitlob *on-site meeting* ma' TM biex wieħed jara eżatt fejn tista' ssir din iż-*zebra crossing*.

6.11.4 Il-Kunsilliera l Francienne Muscat ġibdet l-attenzjoni mill-ġdid li l-bozoz u l-floodlight maħruqa fil-pjazza kienu għadhom ma nbidlux. Is-Sindku spjega li kien infurmat li l-kuntrattur kien għadu jistenna l-bozoz biex dawn jinbidlu.

6.11.5 Il-Kunsillier Dr Cutajar ressaq mozzjoni ta' ringrazzjamaent favur is-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard li kienet tat ir-riżenja mill-post ta' Segretarju Ezekuttiv jiem qabel il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill ingħaqdu mal-Kunsillier Dr Cutjar waqt li awguraw kull success lis-Segretarju Eżekuttiv għal future.

6.11.6 Il-Kunsillier Dr Cutajar irreferra għas-suġġeriment li kien għadda fil-laqgħa Nru 4 fejn kien talab li tintbagħat korrispondenza lil Planning Authority u l-WSC biex jindirizzaw l-problema ta' ilmijiet li nħolqot fuq Ġnien Imrik wara żvilupp fi Triq Bertrija fl-aħħar snin minħabba l-iżvilupp li sar fl-inħawi fl-aħħar snin. Is-Segretarju ħadet nota biex tintbagħat din il-korrispondenza mill-aktar fiss possibli.

6.11.7 Il-Kunsillier Dr Cutajar ġibed l-attenzjoni li residenti fi Triq Rużar Farrugia qed ikollhom qtugħ ta' dawl sikwit. Ir-residenti kienu diġa' tkellmu mal-Enemalta imma l-problema baqgħet ma ssolvietx. Il-Kunsill qabel li kellna ninfurmaw lill-Enemalta.

6.11.8 Il-Kunsillier Dr Cutajar talab li jiżdiedu żewġ bozoz fil-pjazza tal-mitħna. Is-Sindku spjega li mad-dawra tal-mitħna m'għandhomx jiġu nstallati bozoz u kellu jmur fuq is-sit hu stess biex jara fejn jistgħu jiżdiedu dawn il-bozoz.

6.11.9 Il-Kunsilliera Dr Cutajar irreferra għas-suġġeriment li kien għamel f'laqgħa Nru 4 għal-latrina fejn il-mitħna li ilu kienet il-kamra tal-*watchman.* Is-segretarju spjegat li l-kamra kienet ta' terzi u mhux tal-gvern.

6.11.10 Il-Kunsillier Dr Cutajar irreferra għal ħofra li hemm fi Triq Parisott fejn talab li jsir *patching* fuqha. Il-Kunsill iddiskutta l-biċċa art sporġuta l-barra fl-istess triq li toħloq inkonvenjent għas-sewwieqa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddej b'diskussjonijiet biex din l-art tiġi esproprijata.

6.11.11 Il-Kunsilliera Marion Portelli rrefferriet għal tlett ħofriet fi Triq It-Tiġrija li għandhom bżonn *patching.* Is-Sindku talab li l-Kunsilliera Portelli tgħaddi eżatt fejn qegħdin dawn il-ħofor lis-Segretarju Eżekuttiv biex isir *patching* fuqhom waqt li elenka li jista' jkun li dawn huma riżultat ta' xogħlijiet tal-Enemalta li fuqhom għad irid isir *resurfacing.*

6.11.12 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat rreferriet għal Sqaq Nenuż fejn ir-residenti kienu qed jitolbu li ssir it-triq. Is-Sindku spjega li din hi *white road* li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsilliera Dr Muscat talbet li tintbagħat talba lill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar.

6.11.13 Il-Kunsillier Dr Cutajar irrefera għat-talba mill-għaqda Għawdix fejn kienu talbu li ssir laqgħa mal-Kunsill xhur qabel. Is-Sindku spjega li għalih tkun problem nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel li kellu jintaqa' ma' din l-għaqda fil-vaganzi tal-Milied.

6.11.14 Il-Kunsillier Dr Cutajar irrefera għall-kwistjoni tal-bankina tas-Sa Lorenza Bigeni fejn spjega li hu ma kienx awtorizzat li jsemmi isem l-uffiċjal li kien qallu li ħadida mal-bankina tista' ssir. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi b'talba ma' Transport Malta.

6.11.15 Il-Kunsillier Dr Cutajar irreferra għal-*gutter* tal-isqaq fi Triq It-28 t'April 1688. Is-Sindku spjega li kien mar jiċċekja hu stess u verament li l-*gutter* hu żgħir. Is-Sindku ssuġġeriexxa li jinstab kuntrattur li jħaffer l-isfel il-gutter imma aktar minn hekk ma tantx jista' jsir għax tinħoloq problema lir-residenti ta' Triq Il-Knisja.

6.11.16 Il-Kunsillier Dr Cutjar irreferra għal Belveder ta' fuq Triq Il-Marġa li kien qed jaqsam u l-ħsarat kienu evidenti.

6.11.17 Il-Kunsilliera Marion Portelli rreferriet għat-talba għad-*double yellow line* fil-bidu ta' Triq Gajdoru. Il-Kunsill qabel li t-talba tintbagħat lil Transport Malta.

6.11.18 Il-Kunsillier Dr Cutajar irreferra għas-sotto-kumitat għall-persuna b'diżabilta' fejn stqarr li fil-laqgħa li jmiss kellu jgħaddi l-lista ta' membri ta' dan is-sotto-kumitat.

6.11.19 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar irreferra għat-talba li kien għamel fl-ewwel laqgħa biex isir manitenzjoni fuq il-ħajt imwaqqa' fi Triq L-Għejun fejn spjega li dan ix-xogħol ta' manitenzjoni kien baqa' ma sarx. Is-Sindku spjega li t-talba kienet intbagħtet lill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar imma peress li ma kienx hemm rispons lura din il-manitenzjoni kellha ssir mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill.

6.11.20 Il-Kunsillier Dr Cutajar spjega li kellu skedat li jintaqa' mal-NGOs fix-Xagħra u anke man-Nature Trust fejn kien se jkun qed jinforma lis-Sindku u l-Kunsilliera bid-data u l-ħin biex ikunu jistgħu jattendu għalihom.

6.11.21 Il-Kunsilliera Marion Portelli rreferriet għad-*disabled parking space* fi Triq Sant'Anton fejn residenti talbuha li jiġi miżbugħ mill-ġdid. Is-Segretarju ħadet nota.

6.11.22 Il-Kunsilliera Portelli talbet li jinbidlu l-*bins* fi Triq L-Imqades f'tankijiet taż-żibel ikbar għax dawn dejjem mimlija bl-iskart ħdejhom fl-art. Is-Sindku kkomunika li dawn kienu ser jinbidlu. Fuq l-istess triq, il-Kunsilliera Portelli talbet li jsir żbir fuq is-siġar. Is-Segretarju spjegat li ż-żbir fuq dawn is-siġar kien diġa' ppjanat li jsir.

6.11.23 Il-Kunsilliera Portelli rreferriet għall-problema ta' boroż ta' skart u rwejjaħ minnhom fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskutta li dawn huma boroż maħruġa mill-istabilimenti li mhux qed jinġabru mill-kuntrattur li hu obbligat jiġbor biss skart residenzjali. Il-Kunsill kellu jmexxi bl-ilment mar-Reġjun t'Għawdex.

6.11.24 Il-Kunsilliera Marion Portelli staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament fuq il-proċess ta' tiġdid tal-karti tal-Identita'. Is-Sindku spjega li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill kellu jriċievi d-data ta' meta ser isir it-tiġdid fix-Xagħra fil-jiem li ġejjin.

6.11.25 Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet li jsir *refreshing* ta' *double line* fi Triq Sant'Anton u fakkret li l-*istop sign* mitluba int u nieżel għal Triq San Marzjan kienet għadha ma saritx. Is-Segretarju spjegat li din kienet tmexxiet ma' TM.

6.11.26 Il-Kunsilliera Leanne Micallef fakkret biex isir it-tabella "Do Not Feed the Cats". Is-Segretarju ħadet nota biex mill-ġdid tfakkar lill-kuntrattur. Il-

Kunsilliera Micallef talbet ukoll li ssir *zebra crossing* bil-paws. Il-Kunsill qabel li jmexxi ma' TM fuq din it-talba.

6.11.27 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat talbet li jsir mill-ġdid id-*dog bin* fejn in-niċċa fi Triq Il-Knisja li kien tneħħa fl-aħħar xhur. Il-Kunsilliera Leanne Micallef issuġġerriet li ssir mappa fuq Facebook li timmarka d-*dog bins* li hawn fix-Xagħra. Il-Kunsill qabel li d-*dog bin* fi Triq Ġnien Xibla int u nieżla lejn ir-Ramla jerġa' jsir mill-ġdid.

6.11.28 Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet li jitnaddfu sew Triq Mannar, Triq Ġnien Xibla u l-pjazza ta' quddiem Nażżarenu qabel l-avveniment tal-Autumn Fest.

6.11.29 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li l-membri tal-Bord fuq is-sejħa tal-iskrivan biex jara meta huma dizposti biex isiru l-intervisti tas-sejħa tal-iskrivan minnufih.

6.11.30 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat it-talba mill-Assistant Prinċipal Josephine Sultana u l-Uffiċjal Eżekuttiv Cheryl Bajada biex jakkumulaw *Vacation Leave* għas-sena l-ġdida anke peress li l-uffiċju kien jinsab *short of staff*. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li dan il-*leave* jiġi akkumulat.

6.11.31 Il-Kunsilliera Leanne Micallef irreferriet għal Triq Parisott li tinstab fi stat ħażin hekk kif it-triq hi maqluba fuq naħa waħda. Il-Kunsill iddiskutta li ftit hemm x'wieħed jagħmel fuq dan hekk kif it-triq hi fi stat ħażina u biex tittranġa din il-problema trid tinqala' mill-ġdid it-triq.

**6.12 Qari ta' Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti**

6.12.1 26.09.2024 Ittri minn TM fejn l-applikazzjoni tas-Sur Herbert Peter u s-Sa Marie Annei Spiteri ġew approvata 1.5m Keep Clear Bay.

6.12.2 27.09.2024 Talba mis-Sur Grezzju Caruana biex isir *double yellow line* fi Triq Gajdoru. Din it-talba kienet diskussa qabel fil-laqgħa.

6.12.3 30.09.2024 Imejl mill-Kunsilliera Dr Muscat fejn resqet it-talba tas-Sa Emma Agius li xtaqet li tagħmel sessjonijiet ta' Expressive Art and Crafts Classes għal tfal bejn is-6 u 9 snin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6.12.4 01.10.2024 Imejl minn Dr Deborah Camilleri rigward it-talba ta' Censina Apap fuq traffiku eċċessiv u l-problemi ta' parkeġġ fi Triq Ġorf. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6.12.5 01.10.2024 Stedina lis-Sindku għall-konferenza *Safeguarding the human righs of older person: Innovations in healthy and active ageing.*

6.12.6 01.10.2024 Imejl mis-Sur Teuma b'filmat ta' karozza żgħira ħierġa mill-isqaq. Il-Kunsill innota l-kontentut.

6.12.7 03.10.2024 Allokazzjoni Finanzjarja €165,286.08 għall-aħħar kwart tas-sena 2024.

6.12.8 30.09.2024 Talba mis-Sur Paul Theuma biex isir mera faċċata tal-garaxx tar-residenza tiegħu fi Triq Parisot hekk kif qed tkun problema biex joħroġ vetturi mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li din il-mera kellha ssir.

6.12.9 02.10.2024 Imejl bi programm ta' taħriġ obbligatorju għas-segretarji tal-Kunsilli u Reġjuni.

6.12.10 02.10.2024 Invit formali għal delegazzjoni ta' żewġ membri mill-Kunsill biex jattendew għall -attivitita' "Benvenuto Ficco Secco" f'Carmingnano bejn it-18 u l-20 t'Ottubru.

6.12.11 02.10.2024 Korrispondenza minn Identita' Malta fejn il-kunsill kien qed ikun mitlub li jsib post alternattiv fejn seta' jsir il-proċess ta' tiġdid tal-karti tal-identita' fil-lokalita' sal-Ġimgħa 11 t'Ottubru 2024.

6.12.12 02.10.2024 Cir AKL 2024/061_LORDIMAS: free tool to assess digimaturity.

6.12.13 02.10.2024 Imejl minn Sandra Cupic fejn esprimiet ix-xewqa li tipparteċipa f'avvenimenti tal-Milied bil-kor tagħha.

6.12.14 03.10.2024 Cir AKL 2024/062_Eco - Schools The Green Flag and Sustainable Mobility Award Ceremony _ 20/11/2024 fejn tinforma lill-Kunsill li ser isir ċerimonja nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2024 f'The Dragonara Point Ballroom f'Westin Dragonara, San Ġiljan taħt il-patroċinju tal-ET Dr Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta.

6.12.15 03.10.2024 Cir AKL 2024/061_LORDIMAS: free tool to assess digital maturity.

6.12.16 03.10.2024 Proposta minn TM biex isiru *parking bays* fi Triq L-Għejun. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li jmexxu bil-proposta ta' TM u jsiru l-*parking bays.*

6.12.17 04.10.2024 Taħriġ mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien mal-Malta Foundation for the Wellbeing of Society fejn qed jiġi organizzat ir-raba round ta' taħriġ għall-membri u l-istaff tal-Kunsilli u r-Reġjuni f'Ottubru u Novembru.

6.12.18 05.10.2024 Korrispondenza minn TM fejn kienet qed tinforma lill-Kunsill li t-talba tas-Sur Filed għall-*personalised parking bay* kienet qed tiġi miċħuda hekk kif kemm il-vettura u s-sewwieq mhumiex reġistrati fuq ir-residenza.

6.12.19 07.10.2024 Imejl minn Dr Francienne Muscat b'diversi mistoqsijiet fuq il-ġurnata l-ġdida tad-day centre.

6.12.20 08.10.2024 Korrispondenza li tistieden il-Kunsill jinnomina għaqdiet taħt diversi titli taħt National Volunteer Award 2024 fejn nominazzjonijiet jintlaqgħu sat-18 t'Ottubru.

6.12.21 08.10.2024 Talba mis-Sa Angela Mizzi biex isir mera fi Triq Il-Marġa.

6.12.22 08.10.2024 Korrispondenza mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar tinforma lill-Kunsill li għall-kunċert tal-Milied il-ministeru se jkun jikkolaborra bl-ammont ta' €6,600 li hi nofs l-ispiża maħsuba waqt li €6,000 għal Christmas Market.

6.12.23 09.10.2024 Imejl mis-Sa Natalie Sciortino biex tipparteċipa waqt attivitajiet tal-Milied biż-żeffiena tagħha.

6.12.24 10.10.2024 Cir AKL 2024/066_Christmas Get Together Gala Night 2024_ 14/12/2024 Stedina għal Christmas Get Together Gala Night fl-14.12.2024 fix-Xara Lodge, Rabat, Malta.

6.12.26 11.10.2024 Talba mill-Għaqda Nar Xagħra għall-kollaborazzjoni fl-ikla tal-Milied. It-talba hi ta' €550. Il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-attivita' bis-somma ma teċċedix dan l-ammont.

6.12.27 12.10.2024 Imejl mill-Kunsilliera Dr Muscat b'talba biex jiġu sospiżi l-arranġamenti kollha li qed ikunu proposti u l-ingaġġ ta' persuni oħra biex jaħdmu fiċ-ċentru tal-anzjani.

6.12.28 14.10.2024 Sessjoni ta' taħriġ li ser isir nhar l-Erbgħa, 30 t' Ottubru mid-09:00 – 12:30 ġewwa l-binja tas-Sem il-Belt Valletta fuq Project Development and Writing.

6.12.29 14.10.2024 Korrispondenza li titratta t-tilqim kontra l-influenza, Covid 19 u l-vaċċin Pnewmokokkali fejn 7il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanita Attiva lest li jikkopera biex il-vaċċini jingħataw mill-Kunsill jekk dawn jingħataw fil-preżenza tat-tabib.

6.12.30 15.10.2024 Kommunikat mir-Reġjun rigward attivita' mal-Friends of the Earth f'Kemmuna fejn qed jiġi rikjest li jitħallas id-depożitu mill-Kunsilli.

6.12.31 15.10.2024 Risposta għat-talba għall-kollaborazzjoni min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar għall-Autumn Fest fejn it-talba ġiet irrifjutata.

6.12.32 16.10.2024 Imejl mis-Sa Nadia Gatt b'talba biex il-Kunsill f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill relatati mal-Milied jaħsbu fl-Istrina.

6.12.33 16.10.2024 Invit għal Jum Għawdex il-Ħadd 27 t'Ottubru fil-5.00pm it-tqegħid tal-fjuri quddiem il-monument ta' Mons Saverio Cassar fi Pjazza Indipendenza u l-Ponitifal fis-6.00pm il-Katidral fil-preżenza tal-President.

6.12.35 20.10.2024 Talba għall-kollaborazzjoni minn Dun Joe Said rettur ta' Nażżarenu fl-attivitajiet tal-Autumn Fest u attivitajiet tal-Milied. Is-segretarju kitbet lura biex jispeċifika f'aktar dettall l-attivitajiet u l-ammonti tal-kollaborazzjoni li kienu qed jintalbu. €1000. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar talab li nitolbu aktar informazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li l-kollaborazzjoni ma teċċedix €750.

6.12.36 20.10.2024 Is-Sa Mary Lourdes Borg b'ilment rigward problema biex tgħaddi il-karozza tal-linja u vetturi kbar. Din it-talba kienet diġa' ġiet diskussa.

6.12.37 21.10.2024 Risposta għat-talba għall-kollaborazzjoni min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar għall-Autumn Fest fejn it-talba ġiet irrifjutata.

6.12.38 21.10.2024 CIR AKL2024/071_Award in English Writing and Reading for Business Management.

6.12.39 21.10.2024 Stedina mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar għall-attivitajiet marbuta ma' San Valentinu. Din il-materja kienet ġiet diskussa aktar kmieni fil-laqgħa.

6.12.40 21.10.2024 Imejl mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija biex il-Kunsill jagħmel Bye-Law dwar iż-żamma tal-ħaxix selvaġġ fil-passaġġi rurali.

6.12.41 22.10.2024 Talba mis-Sur Saliba biex isiru double yellow line mal-gate tal-ġnien tiegħu fi Triq Imqades sal-kaxxa tal-bus stop. Il-Kunsill qabel li dan id-*double yellow line* isir.

6.12.42 24.10.2024 Komunikat mid-DG rigward it-tilqim tal-influenza fil-Kunsilli.

6.12.43 24.10.2024 Draft tal-Bye Law tar-Ramla. Nitlobkom tarawha waħda u tinnutaw il-kummenti minn Dr Galea li talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex tiġi diskussa aktar.

6.12.44 24.10.2024 CIR AKL 2024/074 Stedina fuq il-programm Motorsmt imxandar fuq TVMSport+.

6.12.45 24.10.2024 Notifika mill-PCAB fuq PC/00140/18 Site at Triq Gajdoru, Xagħra proposing Change in zoning from Bungalow area to GZ-House-1 No changes in height limitations proposed

6.12.46 25.10.2024 Ittra minn TM rigward l-applikazzjoni għall-parkeġġ riservat personalizzat mitlub mis-Sur Joseph Azzopardi fejn kien qed jiġi nfurmat li dan ġie miċħud minħabba numru

6.12.47 25.10.2024 Imejl mill-Kunsilliera Dr Cutajar bil-punti diskussi mil-laqgħa mal-Community Police.

6.12.48 25.10.2024 Ittra ta' riżenja mis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurmat lill-Kunsill li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha kienet it-8 ta' Novembru 2024.

6.12.49 25.10.2024 imejl mill-GTA għan-nominazzjonijiet fil-lista fl-imejl t'hawn taħt. Nominazzjonijiet jintlaqgħu sas-6 ta' Jannar2024 f'12.00pm.

6.12.50 26.10.2024 Ilment rigward ħmieġ fi Triq Arċ Ġuzepp Diacono mill-Kunsilliera Marion Portelli

6.12.51 27.10.2024 Iit-talba għall-kollaborazzjoni mis-Soċjeta' Filarmonika Victory biex itella' l-Akkademja Mużikali. €500

6.12.52 28.10.2024 Talba mis-Sur Paul Xerri biex isir patching quddiem ir-residenza tiegħu 109, Triq Bullara.

6.12.53 28.10.2024 Talba minn residenza biex il-bus route 307 tibda tgħaddi minn Triq Marsalforn.

6.12.54 28.10.2024 Talba għal *shifting* ta' lampa b'Nru 199 biex minn fuq ħajt isir għal fuq l-arblu. Il-Kunsill kellu bżonn aktar dettalji biex seta' jiddeċiedi.

6.12.55 28.10.2024 Talba għal bozza ġdida fi Triq It-Tiġrija mis-Sur Manuel Sultana resident 97B, Triq It-Tiġrija. Il-Kunsill kellu jara jekk din il-bozza kinitx qed tintalab mar-residenza ta' minn qed jagħmel it-talba.

6.12.56 28.10.2024 Ilment minn residenta fi Triq Sansuna rigward konkos ippuntat u perikoluż.

**6.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u**

6.13.1 L-iskeda ta' pagamenti kienet ġiet iċċirkolati qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

6.13.2 Ill-Kunsillieri Dr Francienne Muscat, Dr Kevin Cutajar u Leanne Micallef assestjenew milli japprovaw dawk il-pagamenti relatati mal-leġislatura preċedenti.

6.13.3 Is-Sindku Victor Curmi, Kunsilliera Marion Portelli u Kunsillier Dr Christian Zammit approvaw l-iskeda ta' pagamenti.

**6.14Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

6.14. Il-laqgħa ġie aġġornata sine die.

Konfermati illum 20 ta' Diċembru 2024

Victor John Curmi
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv